MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Numru 233/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Buttigieg**
**Spettur Maria Stella Cutajar)**

**Vs**

Consiglio Livori

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Consiglio Livori, karta ta' identita' numru 519774(M), akkuzat talli:

Fl-14 t'Ottubru 2001, ghal habta tal-4:30 p.m., f'Hal-Far limiti ta' B'Bugia, saq vettura nru. DBD-381 (1) b'giri aktar milli messu (2) b'nuqqas ta' hsieb bi traskurragni u b'nuqqas ta' tharris tar-regolamenti habat ma' vettura nru. JAG-698 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Anthony Micallef, illi nvolontarjament ikkaguna hsara fuq hwejjeg mobbli u immobbli u cioe' fuq vettura

bin-numru ta' registrazzjoni JAG-698, cioe' liema hsara giet ikkagunata ghad-dannu ta' certu Anthony Micallef liema hsara taccedi l-Lm50 (hamsin Lira Maltin) izda hija anqas minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin). (3) kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied (4) qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-ahhar verbal taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat b'offizi kontra l-Ordinanza tat-Traffiku (Kap 65) talli saq vettura numru ta' registrazzjoni DBD-381 b'giri aktar milli imissu. Taht il-Kap 9 hu akkuzat li kkaguna fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni JAG-698 kemm hsara involontarja u kemm hsara volontarja ghad-dannu ta' Anthony Micallef, oltre li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika u qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku.

Illi mill-provi jirrisulta abundantement pruvat li l-imputat ma kienx hu l-aggressur izda li safa' vittma ta' aggressjoni bla raguni u kont minn certu Christoher Micallef.

Billi l-ebda wahda mill-akkuzi ma tirrisulta pruvata kontra tieghu qeghdha din il-Qorti tghaddi biex tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------